MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 736/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Kevin Aquilina (K.I. 214885M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, tmien mija u tnejn ewro u tlieta u tmein centezmu (€1802.83) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-soċjeta’ attriċi in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni *A/C50985651* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 4174/10, mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-9 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------